MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Numru. 231/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Godwin Scerri]**

**vs**

**Joshua Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joshua Caruana detentur tal-karta tal-identita` numru 533787(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar il-5 ta’ Marzu 2014 ghal habta tas-19:45 ta’ filghaxija fi Triq ir-Repubblika gewwa l-Belt Valletta, ikkometta serq ta’ *handbag*, liema serq huwa ikwalifikat bil-vjolenza u bil-hin u dan ghad detriment ta’ Mary Degabriele, bi ksur tal *-Artikoli 262, 270, 274(c)tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta***.**

**2.** Nakkuzah ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ Mary Degabriele f’perikolu car, ikkangunajtilha hsara fil-gisem jew fis-sahha, liema hsara hija ta’ natura hafifa bi ksur tal-*Artikolu 221, 222A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

3. U aktar talli fl-istess data, lok u hin kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu mill-Qorti ta’Gudikatura Kriminali, datata 15 ta’ Marzu 2011 mill-Magistrat Dott. Consuelo Scerri Herrera.

**Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija tikkonsidra lil-Joshua Caruana bhal recidiv u dan ai termini ta’** *Artikolu 49,50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

Rat l-atti kollha inkluz ix-xhieda prodotta kif ukoll l-Artikoli tal-Avukat Generali a fol. 59 tal-process fejn huwa jidhirlu li din il-Qorti ghandha tinstab htija taht l-Artikoli 261(a), 261(f), 262, 270, 274(c), 276A, 277(a), 281, 214, 215, 221 u 222A(1), 49, 50, 17 u 31 tal-tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta’ Malta u l-Artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih li kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien ragjonevoli biex jahsibha.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(a), 261(f), 262, 270, 274(c), 276A, 277(a), 281, 214, 215, 221 u 222A(1), 49, 50, 17 u 31 tal-tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta’ Malta u l-Artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat Joshua Caruana hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante ammissjoni u stante li t-tieni akkuza hija konsegwenzjali ghall-ewwel akkuza u tikkundannah ghal tlett (3) snin prigunerija, flimkien ma’ Ammenda ta’ hamsin Ewro (€50) a rigward it-tielet akkuza.

Finalment, tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex jaghti l-facilita` mehtiega lill-imputat sabiex jattendi kors opportun kontra d-dipendenza fuq id-drogi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------